MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru 986/2013

Il-Pulizija

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Donna Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 358094(m) akkuzata talli:

1. fis-27 ta' Settembru 2013 ghal habta tal-4.00pm fil-Marsa ikkommettiet serq ta' mowbajl tal-ghamla Nokia C3, liema serq li huwa aggravat bil-persuna, sar ghad-dannu ta' Domenic Briffa minn B'Bugia u/jew persuna ohra;
2. bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2013 f'Hal-Tarxien u/jew fl-lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, fimkien ma persuna ohra, ikkommettiet serq ta' mowbajl tal-ghamla Android u curkett tad-deheb, liema serq li huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix 2329.37 euro, sar ghad-dannu ta' Petru Marius Gurban ta' nazonalita' Rumena;

3. fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg, u cioe' l-oggetti imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew volontarjament b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;
4. irrendiet ruhha recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 22.06.2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. talli kisret il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Lulju 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ahhar verbal;

Ikkonsidrat:

L-imputata tinsab akkuzata b'zewg serqiet: wahda ta' telefon cellulari a detriment ta' Joseph Briffa fis-27 ta' Settembru tas-sena l-ohra; wkoll, fis-sena l-ohra bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru, ta' telefon cellulari iehor u curkett tad-deheb a detriment ta' certu Petru Marius Gurban.

Dwar din l-ahhar allegata serqa prova taghha ma ngabitx. Il-presunt derubat ma giex prodott u ma xehdtx fil-kawza. L-imputata da parti taghha tinnega kull involvement taghha.

Dwar l-ewwel serqa, jew allegata tali, xehed l-presunt derubat li stqarr li t-telefon insteraqlu mill-garaxx tieghu gewwa l-Marsa fil waqt li kien qieghed jitkellem ma' habib tieghu. Kien innota tfajla li gieh suspett fiha. Wara irrisultatlu li kienet l-imputata. Id-derubat kien irrapporta l-fatt l-ghassa tal-pulizija u mix-xhieda tal-ispettur prosekutur jirrizulta li l-imputata giet mitkelma u wkoll irrilaxxjat stqarrija.

Issa, l-Qorti tqies din l-istqarrija sinifikattiva billi in konnessjoni ma' din is-serqa l-imputata toffri versjoni li hi verosimili u konfacjenti mal-fatti li l-Qorti temmen jikkorrispondu ghall-verita' u cioe' li l-presunt derubat mhux tassew li ma kienx jaf minn hi l-imputata izda anka kien ssufrwixxa minn prestazzjonijiet li kienet ipprestalu.

Fl-imsemmija stqarrija taghha l-imputata tirrikonoxxi li t-telefon cellulari kienet haditulu hi izda ziedet li dan kienet ghamilitu in rikumpens ta' flus li hu kellhu jitieha. Id-derubat dan il-fatt ma jsemmihx. Qal li kull ma jinteressah kienet is-SIM card li jidher li l-imputata kienet tahtilu lura.

Gjaladarba, l-Qorti qeghdha taghti kredibilita' lill-fatti kif sostnuti mill-imputata l-istampa tinbidel b'daqstant, li mankanti l-intenzjoni ta' serq, dan ma jikkonfigurax izda tkun kwistjoni ta' 'raggjon fattasi' li biha l-imputata mhux akkuzata.

Konsegwetement, tilliberha mill-bqija tal-akkuzi anka dik tar-ricettazzjoni.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx htija u konsegwentement tilliberha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------